MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

## ONOR. IMHALLEF
## LAWRENCE QUINTANO

Seduta ta' l-20 ta' Mejju, 2013

Appell Kriminali Numru. 312/2011

Il-Pulizija
Vs
Loraine Costa nee` Fino

Il-Qorti,

Rat l-akkuza dedotta kontra l-appellant quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali talli:

Talli bhala persuna registrata mal-Kummissarju tat-taxxa fuq il-Valur Mizjud, naqset li tikkonforma ruhha mas-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) datata 16 ta' Ottubru, 2008, u moghtija fil-konfront taghha inkwantu li naqset kif ordnat fl-imsemmija sentenza li fi zmien tlett xhur mid-data tas-sentenza, tikkonfroma ruha mal-ligi u fin-nuqqas tehel multa ohra ta' €15.00 ghal kull jum li matulu jkompli n-nuqqas wara li jghaddi l-imsemmi zmien.

Il-prosekuzjoni talbet li l-imsemmija imputata tigi kkundannata li thallas il-penali msemmija fis-sentenza fuq riferita ghall-perjodu li jibda mis-17 ta' Jannar, 2009 sat-30 ta' Gunju, 2009, salv kull penali ghal nuqqas ulterjuri.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali tat-30 ta' Gunju, 2011 fejn wara li rat l-artikolu 76 tal-Kapitolu 406 tal-Ligijiet ta' Malta. Sabet lill imputata hatja u ghaldaqstant ikkundannatha ghall-hlas ta' multa ta' €2,475 (Elfejn, erba' mija u hamsa u sebghin Euro), multa rapprezentattiva il-perjodu ta' bejn is-17 ta' Jannar, 2009 sat-30 ta' Gunju, 2009.

Rat ir-rikors tal-appellanti minnha pprezentat fit-12 ta' Lulju, 2011 fejn talbet lil din il-Qorti tvarja/tbiddel is-sentenza appellata billi tiddikjara illi l-ikkundannata bis-sentenza hija "Lorraine Costa nee` Fino" , u mhux Lorraine Fino u mhijiex ezegwibbli kontra taghha, u tiddikjara l-inapplikabilita` u l-inezegwibilita tal-istess sentenza fil-konfronti ta' 'Lorraine Fino' dana dejjem skond kull provvediment illi jista` jitqies opportun.

Fliet l-atti kollha processwali.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellanti esebita mill-prosekuzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Rat illi l-aggravji tal-appellant, huma s-segwenti w cioe':-

L-aggravju huwa illi s-sentenza kif moghtija m'hijiex applikabbli u lanqas ezegwibbli kontra l-appellanta illi jisimha 'Lorraine Fino' u mhux Lorraine Costa nee` Fino.

Kif inghad, l-appellanti irrevertiet ghal kuljom xbubitha, dana kif jirrizulta b'mod inkonfutabbli mill-att taz-zwieg ezebit in atti.

Irrivertiet ghal kuljom xbubitha kemm qabel is-sentenza illum appellata (u l-ohra li minnha qed isir appell illum stess) kif ukoll qabel l-atti li kienet akkuzata dwarhom u li wasslu ghas-sentenza tas-16 ta' Ottubru, 2008, minn liema, tiskaturixxi is-sentenza issa appellata.

L-Onorabbli Qorti tal-Magistrati qalet fis-sentenza li ma kien hemm ebda zball fl-isem imma, bid-dovut rispett, id-

differenza bejn l-isem fis-sentenza u l-isem uffijcali huwa lampanti.

Is-sentenza hija kontra ‘Lorraine Costa nee` Fino’, jigifieri kontra l-kunjom ta’ mizzewwga, precedentement Fino meta kienet xebba.

Barra minn hekk, fl-akkuza kif ukoll fis-sentenza, l-isem Lorraine huwa miktub b’ittra wahda u mhux bi tnejn kif ghandu jkun skond kemm l-att taz-zwieg kif ukoll il-karta tal-identita ta’ Lorraine Fino.

Illi ghalhekk huwa opportun illi dina l-Onorabbli Qorti tal-Appell in vista tas-suespost tiddikjara illi s-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati prezentementa appellata mhijiex ezegwibbli kontra Lorraine Fino, illi effettivament jisimha u kunjoma diversament min kif dettaljat fis-senteza u fit-tahrika.

F’ dan ir-rigward, il-Qrati joffru gurisprudenza konkordi u kostanti:

Il-Pulizija vs Raymond Cassar, 29 ta’ Settembru, 1956;

Il-Pulizija vs Francis Blanco, 4 ta’ Mejju, 1957;

Il-Pulizija vs Robert Pace Bordin, 28 ta’ Frar, 1959;

Il-Pulizija vs Carmelo Sullivan, 18 ta’ Novembru, 1961;

Il-Pulizija vs Anthony Salamone, 8 ta’ Gunju, 1989;

Il-Pulizija vs Rose Jane Zammit, 3 ta’ Frar, 1995;

Il-Pulizija vs Saviour Borg D’ Anastasi, 18 ta’ April, 2002 per Imhallef Dottor Jos. Galea Debono.

Mis-sentenza l-ahhar imsemmija jista` jinsilet is-segwenti:

*Ghalhekk minkejja kull dokumenti iehor li gie esebit fil-process l-isem korrett tal-appellant sal-lum hu “Salvatore Borg” u mhux “Saviour Borg D’ Anastasi”.*

*Konsegwentement meta hu gie mharrek bil-kuljom 'Borg D' Anastasi" dan ma kienx legalment korrett u preciz u l-appellant ghandu ragun jilmenta minn dan (...)*

*F' kull kaz pero` jirrizulta li s-sentenza appellata inghatat fil-konfront ta' persuna li m'ghandiex il-kunjom korrett u preciz tal-appellant.*

*Illi pero` kif korrettement issottometta l-abbli prosekutur, dan ma jgibx ghan-nullita tas-sentneza appellata imma jista` jwassal biss ghall-dikjarazzjoni ta' din il-Qorti li s-sentenza appellata mhux esegwibbli kontra l-appellant odjern li kunjomu propju s' issa hu 'Borg' biss u mhux 'Borg D' Anastasi' kif gie mharrek u sentenzajat; (ara fir-rigward is-sentenzi ta' din il-Qorti fil-kawzi "il-Pulizija vs Anthony Salomone" (8.6.89) u "il-Pulizija vs Rose Jane Zammit" (3.2.95).*

*Illi ghalhekk l-aggravju tal-appellant hu fondat inkwantu talab id-dikjarazzjoni li s-sentenza appellata ma tistax tigi esegwita kontra tieghu.*

Mis-sentnezai il-Pulizija vs Francis Blancho u Il-Pulizija vs Robert Pace Bordin, jirrizulta wkoll car illi tali zball ma jistax jigi korrett fi stadju ta' appell.

Illi ghalhekk jisthoqq illi s-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati tigi mibdula fis-sens illi jigi ddikjara illi l-ikkundannata bis-sentenza hija 'Loraine Costa nee` Fino" u mhux Lorraine Fino, u, per konsegwensa is-sentenza ma tolqotx lil Lorraine Fino u mhijiex esegwibbli kontra taghha.

Semgħet it-trattazzjoni tal-abbli Prosekutur u tal-abbli Difensur.

Skont is-sentenza mogħtija mill-Ewwel Onorabbli Qorti:

'Illi waqt is-sottomissijonijiet id-difiża allegat li hija mhix il-persuna indikata fiċ-ċitazzjoni odjerna stante li isem l-imputata fiċ-ċitazzjoni huwa 'Loraine Costa nee Fina'

meta skont iċ-ċertifikat taż-żwieġ hi kienet għażlet li tirriverti għal kunjom xbubitha u għalhekk isimha fiċ-ċitazzjoni kellu jidher 'Lorraine Fino'.

Illi f'dan ir-rigward għandu jingħad li l-persuna indikata fiċ-ċitazzjoni hija l-istess persuna li dehret quddiem din il-Qorti u li m'hemm l-ebda żball fis-sens li d-dettlaji kollha tal-imputata huma korretti u ma jista' jkun hemm l-ebda dubju dwar liema persuna qed jirreferu għaliha.'

Miċ-ċitazzjoni jirriżulta li l-appellanti kienet imħarrka bħala Loriane Costa nee Fino ID 211969(M) bint Carmel u Natalie mwielda Aquilina u mwielda fl-10 t'April, 1969. Ir-residenza tagħha hija 'La Valette Court/4 Triq il-Villeġġatura San Pawl il-Baħar.

Illi miċ-ċertifikat taż-żwieġ jirriżulta li Loraine Fino iżżewġet lil Gaetano Costa fit-8 ta' Settembru 1992, Iżda mill-annotazzjoni fuq l-istess ċeritifikat jirriżulta li ai termini tal-artikolu 62(1) tal-Kodiċi Ċivili, il-mara msemmija hawn reġgħet bidet tuża kunjom xbubitha skont kuntratt ta' separazzjoni fl-atti tan-Nutat Tonio Cauchi mit-30 t'Ottubru, 2001.

Għalhekk mid-data tat-30 t'Ottubru 2001 l-appellanti reġgħet saret Loraine Fino.

Għandu jingħad li l-isem Loraine jidher bir-'r' waħda fiċ-ċertifikat taż-żwieġ u għalhekk ma kien hemm ebda raġuni għala l-appellanti rreferiet għall-fatt li isimha jidher b''r' waħda fiċ-ċitazzjoni.

L-appellanti rreferiet għal każistgika kostanti fejn f'ċitazzjonijiet li jkun fihom l-isem jew il-kunjom mhux eżatt, il-Qrati ddeċidew li s-sentenza ma tkunx esegwibbli kontra dak l-individwu.

Il-Qorti qed tirreferi għall-każ deċiż fit-18 ta' Novembru 1961 fl-isem 'Il-Pulizija versus Carmelo Sullivan' fejn il-Qorti tal-Appel Kriminali qalet li

‘sentenza li fiha l-isem jew il-kunjom tal-imputat huma indikati ħażin ma tolqotx lill-imputat li kontra tiegħu fil-fatt ġiet pronunzjata u ma hix esegwibbli kontra tiegħu.’

L-istess intqal fis-sentenza tal-Qorti tal-Appell Kriminali Inferjuri fl-ismijiet ‘Il-Pulizija versus Christine Galea’ deċiża fid-9 ta’ Lulju 1985 (Iħallef sedenti l-Onor.Carmel Agius).

Każ li aktar jixbah lil dak ta’ llum, li kien jinvolvi mara li bidlet kunjomha, kien dak deċiż mill-Onor.Imħallef (illum Imħallef Emeritus) Dr Vincent De Gaetano fit-3 ta’ Frar 1995 fl-ismijiet ‘Il-Pulizija verus Rose Jane Zammit’. Hawn il-kunjom kien inbidel wara l-allegat reat iżda qabel ma kienet redatta ċ-ċitazzjoni. Il-Qorti kkwotat b’approvazzjoni is-sentenza mogħtija fis-6 ta’ Mejju, 1993 fl-ismijiet ‘Il-Pulizija versus Paul Wilkinson u Ernest Ellul Sullivan fejn kien intal hekk:

‘ Żball fil-kunjom jew fl-isem tal-imputat fih innifsu ma jwassalx għal-liberazzjoni tal-imputat. Talvolta jista’ jwassal għall-kwistjoni jekk sentenza b’kunjom żbaljat tkunx esegwibbli stante li l-appellata (hawn kien sar appell mill-Avukat Ġenerali) quddiem l-Ewwel Qorti qagħdet għall-kunjom Zammit.’

Id-difiża rreferiet għas-sentenza tal-Qorti tal-Appell Kriminali tat-18 t’April, 2002 deċiża mill-Imħallef l-Onor Joseph Galea Debono, fejn il-Qorti kienet qalet li la l-isem korrett sa dak il-jum kien Salvatore Borg u mhux Saviour Borg D’Anastasi. Kompliet tgħid il-Qorti:

*‘Konsegwentement, meta hu kien imħarrek bil-kunjom Borg D’Anastasi dan ma kienx legalment korrett u preċiż u l-appellant għandu raġun jilmenta minn dan.*

*F’kull każ pero’ jirriżulta li s-sentenza appellata ingħatat fil-konfront t’a persuna li m’għandhiex il-kunjom korrett.*

*……..dan ma jġibx in-nullita’ tas-sentenza appellate imma jista’ jwassal biss għall-dikjarazzjoni li s-sentenza appellata mhix esegwibbli kontra l-appellant odjern li kunjomu huwa Borg biss u mhux Borg D’Anastasi.’*

Ikkonsidrat

Mill-każistika jirriżulta li l-Qrati Maltin dejjem insistew li isem u kunjom l-imputat / imputata għandhom ikunu preċiżi. Baqgħu isegwu din il-linja ukoll wara li kienet introdotta l-identity card fl-1975 kif jirriżulta mis-sentenzi li għalihom saret referenza. U dan sar mhux għax ikun hemm xi diffikulta' dwar l-identita' tal-persuna iżda dak li jistipula l-artikolu 360(2) tal-Kap 9 fejn jgħid:

‘The summons shall contain a clear designation of the person summoned.’

Sa issa l-Qrati mxew ma' dan il-prinċipju għalkemm ma aċċettawx sottomissjonijiet dwar il-mod kif kien spellut xi isem.

Il-Qorti ser timxi ma' din il-każistika għaliex skont id-dokumenti l-appellanta kienet Loraine Fino u mhux Loraine Costa nee Fino kif indirizzata fiċ-ċitazzjoni. Forsi wasal iż-żmien fejn tingħata aktar importanza lin-numru tal-karta tal-identita' li huwa dejjem uniku u ma jinbidel qatt. Dan qed jingħad għax qed jiżdied dejjem aktar in-numru ta' nies li jistgħu jitolbu bdil f'kunjomhom kif wieħed jista' jara mhux biss fl-emmendi li diġa'jeżistu fil-Kap 16 iżda wkoll b'dawk introdotti bl-Att XV tas-sena 2012 (Ara artikolu 2 b'mod speċjali).

Konklużjoni

Il-Qorti qed tilqa' l-appell u qed tiddikjara li s-sentenza mogħtija fl-ismijiet premessi fit-30 ta' Ġunju 2011 mhix esegwibbli kontra l-appellanti minħabba li fiċ-ċitazzjoni isimha kellu jidher bħala Loraine Fino.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------